

31977L0391

L 145/44

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.6.1977

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Mejju 1977

li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-qerda tal-bruċellosi, tuberkułosi u lewkosi fl-ifrat

(77/391/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li ikkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 43 u 100 tiegħu,

Wara li ikkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li ikkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi wieħed mix-xogħolijiet tal-Komunità fil-kamp veterinarju huwa li ttejjeb l-istat tas-saħħa tal-bhejjem fl-irziezet, u bħala riżultat ta' dan li tagħmel aktar vantaġġuża t-trobbija ta' l-annimali, waqt li fl-istess ħin tiproteġi l-bniedem minn ċertu mard li jista' jingħatalu;

Billi miżuri bhāl dawn għandhom jikkontribwixxu biex jiġu mneħħija t-tfixkil għall-kummerċ bejn Stati Membri fil-laħam frisk jew annimali ħajjin, minħabba differenzi fil-qagħdijiet tas-saħħa;

Billi inizjattivi Komunitarji għal dan il-għan għandhom fil-bidu jikkonċentraw fuq ċertu mard li huwa possibbli li tista' tittieħed azzjoni immedjata kontra tiegħu; billi dan jista' jingħad għall-bruċellosi, tuberkułosi u lewkosi;

Billi sa fejn il-miżuri proposti huma intiżi biex jilhq u l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 39(1)(a) tat-Trattat għandhom jikkostitwixxu miżuri komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Num. 729/70 tal-21 ta' April 1970 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrika komuni ⁽³⁾;

Billi, minħabba l-fatt li l-Komunità tikkontribwixxi għall-iffinanzjar tal-miżuri komuni, trid tkun f'pożizzjoni li tkun ċerta li l-provvedimenti adottati mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' daww il-miżuri jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-oġġettivi mixtieqa; billi, għal dan il-għan, għandu jsir provvediment għal proċedura li tistabbilixxi kooperazzjoni

mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Veterinarju Permanenti, stipulat bid-Deċiżjoni 68/361/KEE ⁽⁴⁾,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jitjeb l-istat tas-saħħa ta' l-ifrat fil-Komunità permezz ta' azzjoni Komunitarja li tħaffef jew tintensifika l-qerda tal-bruċellosi u t-tuberkułosi u li teqred il-lewkosi.

IL-KAPITOLU 1

Provvedimenti tekniċi relatati mal-bruċellosi, mat-tuberkułosi u mal-lewkosi

Artikolu 2

1. Għall-fini ta' din id-Direttiva, Stati Membri fejn il-popolazzjoni ta' l-ifrat hija imniġġsa bil-bruċellosi fl-ifrat għandhom jikkompilaw pjanijiet sabiex titħaffef il-qerda ta' din il-marda fit-territorji nazzjonali tagħhom, skond il-kondizzjonijiet preskritti fil-paragrafi 2 u 3.

2. (a) Il-pjanijiet sabiex titħaffef il-qerda tal-bruċellosi fl-ifrat għandhom ikunu maħsuba b'mod li wara li jitlestew, il-merħliet jiġu ikklassifikati bħala "uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi", skond provvedimenti Komunitarji f'dan il-kamp, u b'mod partikulari Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar problemi ta' saħħa fl-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' ġewwa l-Komunità ta' annimali ta' l-ifrat u majjali ⁽⁵⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 75/379/KEE ⁽⁶⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 6, ta' l-10.1.1977, p. 13.

⁽²⁾ ĠU C 56, tas-7.3.1977, p. 28.

⁽³⁾ ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13.

⁽⁴⁾ ĠU L 255, tat-28.10.1968, p. 23.

⁽⁵⁾ ĠU L 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.

⁽⁶⁾ ĠU L 172, tat-3.7.1975, p. 17.

- (b) Il-pjan għandu jkun fih lista ta' miżuri li jridu jittieħdu sabiex titħaffef u tiġi intensifikata l-qerda tal-bruċellosi fl-ifrat u jrid jispeċifika l-miżuri li bihom din il-marda tiġi miġġielda u evitata.
3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni:
- (a) il-perċentwali u n-numru totali ta' merħliet soġġetti għall-miżuri ta' kontroll, u tal-merħliet li huma ikkonfermati li għandhom il-bruċellosi fl-ifrat;
- (b) in-numri totali:
- ta' annimali soġġetti għal miżuri ta' kontroll,
 - ta' annimali li huma suspettati li għandhom il-marda tal-bruċellosi jew li huma ikkunsidrati li huma imniġġsa,
 - ta' annimali mniġġsa,
 - ta' annimali maqtula;
- (c) id-dewmien ipprogrammat tal-programmi inizjali tal-qerda u tal-pjanijiet imħaffa;
- (d) il-metodu ta' kontroll applikat fuq l-applikazzjoni effettiva tal-pjanijiet imħaffa;
- (e) l-allokazzjoni nazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' l-estimi għall-qerda tal-bruċellosi fl-ifrat u l-analiżi ta' dawn l-allokazzjonijiet.

L-informazzjoni li hemm riferenza għaliha skond (a), (b) u (e) għandha tingħata għat-tliet snin ta' qabel l-applikazzjoni tal-miżuri mħaffa, u kull sena minn hemm 'il quddiem.

4. Stati Membri li l-popolazzjoni tagħhom ta' l-ifrat hija ħielsa mill-marda tal-bruċellosi fl-ifrat għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-miżuri kollha meħuda minnhom biex jimpedixxu l-qawmien mill-ġdid ta' din il-marda.

Artikolu 3

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, Stati Membri li għandhom il-popolazzjonijiet tagħhom ta' l-ifrat imniġġsa bil-marda tal-bruċellosi fl-ifrat għandhom jikkompilaw pjanijiet sabiex titħaffef il-qerda ta' din il-marda fit-territorji nazzjonali tagħhom, skond il-kondizzjonijiet preskritti f'paragrafi 2 u 3.
2. (a) Il-pjanijiet sabiex titħaffef il-qerda tal-bruċellosi fl-ifrat għandhom ikunu maħsuba b'mod li wara li jitlestew, il-merħliet jiġu ikklassifikati bħala "uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi", skond provvedimenti Komunitarji f'dan il-kamp, u b'mod partikulari Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE.
- (b) Il-pjanijiet għandu jkun fihom lista ta' miżuri li jridu jittieħdu sabiex titħaffef, tiġi intensifikata jew mitmuma l-qerda tal-bruċellosi fl-ifrat u jridu jispeċifikaw l-miżuri li bihom din il-marda tiġi miġġielda u evitata.
3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni:
- (a) il-perċentwali u n-numru totali ta' merħliet soġġetti għall-miżuri ta' kontroll, u tal-merħliet li huma ikkonfermati li għandhom il-bruċellosi fl-ifrat;
- (b) in-numri totali:
- ta' annimali soġġetti għal miżuri ta' kontroll,

- ta' annimali li huma suspettati li għandhom il-marda tal-bruċellosi jew li huma ikkunsidrati li huma imniġġsa,
 - ta' annimali mniġġsa,
 - ta' annimali maqtula;
- (c) id-dewmien ipprogrammat tal-programmi inizjali tal-qerda u tal-pjanijiet imħaffa;
- (d) il-metodu ta' kontroll applikat fuq l-applikazzjoni effettiva tal-pjanijiet imħaffa;
- (e) l-allokazzjoni nazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' l-estimi għall-qerda tal-bruċellosi fl-ifrat u l-analiżi ta' dawn l-allokazzjonijiet.

L-informazzjoni li hemm riferenza għaliha skond (a), (b) u (e) għandha tingħata għat-tliet snin ta' qabel l-applikazzjoni tal-miżuri mħaffa, u kull sena minn hemm 'il quddiem.

4. Stati Membri li l-popolazzjoni tagħhom ta' l-ifrat hija ħielsa mill-marda tal-bruċellosi fl-ifrat għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-miżuri kollha meħuda minnhom biex jimpedixxu l-qawmien mill-ġdid ta' din il-marda.

Artikolu 4

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri li stabbilixxew il-preżenza tal-marda tal-lewkosi li taffettwa l-annimali f'lokalità partikulari jew fi staġun partikulari fost l-ifrat fit-territorji tagħhom, għandhom jikkompilaw pjanijiet għall-qerda ta' din il-marda.

Il-pjanijiet għandhom jispeċifikaw il-miżuri ta' kif din il-marda trid tiġi miġġielda.

It-testijiet jew metodi wżati biex jiġi iddikjarat li merħla hija ħielsa mill-marda tal-lewkosi għandhom ikunu daww preskritti fid-Direttiva tal-Kummissjoni 73/30/KEE tat-23 ta' Jannar 1973 li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja biex tapplika garanziji speċjali tas-saħħa għall-ħarsien mill-marda tal-lewkosi fil-każ ta' annimali ta' l-ifrat importati għat-trobbija jew produzzjoni⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 75/64/KEE⁽²⁾, jew kull test jew metodu ieħor rikonoxxut bil-proċedura preskritta fl-Artikolu 11.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba ta' din ta' l-aħħar, bl-informazzjoni kollha li tikkonċerna t-tweqqif tal-pjanijiet.

IL-KAPITOLU 2

Provvedimenti komuni u finanzjarji

Artikolu 5

Bil-għan li huma intiżi biex jilhqqu l-oġġettivi mfissra fl-Artikolu 39(1)(a) tat-Trattat, il-miżuri li hemm maħsuba f'Kapitlu 1 għandhom jikkostitwixxu miżuri komuni skond it-tifsira ta' 6 (1) tar-Regolament (KEE) Num. 729/70.

⁽¹⁾ ĠU L 77, tas-26.3.1973, p. 40.

⁽²⁾ ĠU L 21, tat-28.1.1975, p. 20.

Artikolu 6

1. Iż-żmien li fih iridu jitwettqu l-miżuri komuni huwa ta' tliet snin.
2. Il-kontribuzzjoni totali mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (European Agricultural Guidance and Guarantee Fund), aktar 'l quddiem msejjaħ "il-Fond", għall-ispiża tal-miżuri komuni hija stmata li tlaħħaq 130 miljun unità ta' kejl (*units of account*), għat-tliet snin.

Artikolu 7

1. Spejjeż magħmula minn Stati Membri fir-rigward ta' miżuri meħuda skond l-Artikoli 2, 3 u 4 ikunu eliġibbli għall-għajjnuna mis-Sezzjoni tal-Gwida tal-Fond skond il-limiti indikati fl-Artikolu 6.
2. Is-Sezzjoni tal-Gwida tal-Fond għandha tħallas lill-Istati Membri 60 unità ta' kejl għal kull baqra u 30 unità ta' kejl għal kull animal ta' l-ifrat li ma jkunux baqar maqtula skond il-miżuri msemmija fil-Kapitlu 1.
3. Regoli dettaljati biex jiġi applikat dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Num. 729/70.
4. Miżuri meħuda minn Stati Membri m'għandhomx ikunu eliġibbli biex jibbenefikaw mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Komunità sakemm ma tkunx ingħatat deċiżjoni favorevoli skond l-Artikolu 9 fir-rigward tal-provvedimenti li jirreferu għalih.

Artikolu 8

1. Applikazzjonijiet għall-ħlas għandhom ikunu konnessi ma' qtil ta' annimali imwettaq mill-Istati Membri matul sena kalendarja u għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Lulju tas-sena ta' wara.
2. L-għoti ta' għajjnuna mill-Fond jiġi deċiż skond l-Artikolu 7 (1) tar-Regolament (KEE) Num. 729/70.
3. Regoli dettaljati biex jiġi applikat dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Num. 729/70.

Artikolu 9

1. Stati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni l-pjanijiet li hemm maħsuba fl-Artikoli 2 u 3 u l-informazzjoni meħtieġa skond l-Artikoli (3) (ċ) u (d), u 3 (3) (ċ) u (d) qabel ma jiġu implimentati, mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, u minn hemm 'l quddiem kull sena. Il-pjanijiet li hemm maħsuba fl-Artikolu 4 għandhom jint-

bagħtu kull sena lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, u fil-każ ta' Stati Membri li ma jkunux għadhom ikkompilaw pjanijiet, qabel ma jiġu implimentati.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-pjanijiet mibgħuta skond il-paragrafu 1 bl-iskop li jiġi iddeterminat jekk, fit-termini tal-konformità ma' din id-Direttiva u wara li jiġu ikkunsidrati l-oġġettivi tagħha, ġewx osservati l-kondizzjonijiet għall-għajjnuna finanzjarja mill-Komunità. Fi żmien xagħrejn minn meta tirċievi xi pjan, il-Kummissjoni għandha tibgħat Deċiżjoni f'forma ta' abbozz lill-Kumitat Veterinarju Permanenti. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 11, fil-limitu taż-żmien iffissat mill-president. Il-Kumitat tal-Fond għandu jiġi ikkonsultat dwar l-aspetti finanzjarji.

Artikolu 10

Il-Kummissjoni għandha twettaq kontrolli regolari fuq il-post biex tivverifika, mill-aspett veterinarju jekk il-pjanijiet humiex jiġu applikati.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jitħaffu dawn il-kontrolli u b'mod partikulari għandha tiżgura li l-esperti jingħataw fuq talba tagħhom kull informazzjoni u dokumentazzjoni li jkollhom b'żonn biex jagħmlu stima ta' l-attwazzjoni tal-pjanijiet.

Il-provvedimenti biex jiġi implimentat dan l-Artikolu, b'mod partikulari fir-rigward tal-frekwenza u l-metodu tat-twettiq tal-kontrolli li hemm riferenza għalihom fl-ewwel paragrafu, ir-regoli li jirregolaw in-nomina ta' veterinarji uffiċjali u l-proċedura li għandhom isegwu meta jikkompilaw ir-rapport tagħhom, għandhom ikunu preskritti skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 11.

Artikolu 11

1. Fejn tkun trid tiġi attwata l-proċedura preskritta f'dan l-Artikolu, is-suġġett irid jiġi mressaq mill-president, jew fuq inizzjattiva tiegħu jew fuq talba ta' Stat Membru, lill-Kumitat Veterinarju Permanenti, aktar 'l quddiem msejjaħ "il-Kumitat".

2. Fi ħdan il-Kumitat il-piż tal-voti ta' l-Istati Membri għandu jkun skond l-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-president m'għandux jivvota.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti abbozz tal-miżuri li jridu jiġu adottati. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dawn il-miżuri fil-limitu taż-żmien iffissat mill-president, filwaqt li tiġi ikkunsidrata l-urġenza tal-mistoqsijiet li jkun qad jiġu eżaminati. Ma tiġix mogħtija opinjoni jekk din ma jkollix minimu ta' 41 voti favur tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri u għandha tapplikhom immedjatament, fejn ikunu skond l-opinjoni tal-Kumitat. Fejn ma jkunx skond l-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ma tingħatax opinjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat proposta lill-Kunsill mingħajr dewmien dwar il-miżuri li jridu jiġu adottati. Il-Kunsill għandu jadotta l-miżuri b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk il-Kunsill ma jkunx adotta ebda miżuri fi żmien tliet xhur mid-data ta' meta tkun ġiet imressqa l-proposta quddiemu, il-Kummissjoni għandu jadotta l-miżuri proposti u japplikhom immedjatament, ħlief fejn il-Kunsill ikun iddeċieda kontra dawn il-miżuri b'maġġoranza sempliċi.

Artikolu 12

L-Artikolu 11 għandu japplika sal-21 ta' Ġunju 1981.

Artikolu 13

Il-Kunsill, waqt li jimxi fuq proposta mill-Kummissjoni u qabel l-1 ta' Awissu 1977, għandu jadotta l-provvedimenti li jikkonċernaw il-kriterji li l-pjanijiet nazzjonali tal-qtil ta' l-

annimali, li hemm riferenza għalihom fl-Artikoli 2, 3 u 4, iridu jissodisfaw biex jikkwalifikaw għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità.

Artikolu 14

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u provvedimenti amministrattivi meħtieġa għall-osservanza ta' din id-Direttiva, fid-data preskritta għad-dħul fis-seħħ tal-provvedimenti li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 13.

Artikolu 15

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Mejju 1977.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SILKIN